IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.8.2025
COM(2025) 472 final

2025/0260 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Permezz tar-Regolament (UE) 2020/2131 tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija[1], id-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' awwista ġew eliminati għal perjodu ta' 5 snin, sal-31 ta' Lulju 2025.

Dan kien ir-riżultat ta' Dikjarazzjoni Konġunta tal-21 ta' Awwissu 2020 tal-Unjoni u tal-Istati Uniti li ħabbret l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tad-dazji doganali għal għadd limitat ta' linji tariffarji bħala pass biex jittejbu r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti u biex jiġi mmarkat il-bidu ta' proċess lejn kummerċ transatlantiku aktar ħieles, ġust u reċiproku. Permezz tal-Proklamazzjoni Presidenzjali tat-22 ta' Diċembru 2020, l-Istati Uniti, bi skambju, ipprovdew eżenzjoni mid-dazju għal valur ekonomiku komparabbli fuq prodotti bħal ikliet ippreparati, ċerti oġġetti tal-ħġieġ tal-kristall, preparazzjonijiet tal-wiċċ, trabijiet propellanti, lajters tas-sigaretti u partijiet tal-lajters.

Bħala parti minn ftehim politiku mħabbar mill-President tal-Kummissjoni von der Leyen u l-President tal-Istati Uniti Trump fis-27 ta' Lulju 2025, u kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-21 ta' Awwissu 2025 ("Dikjarazzjoni Konġunta"), li fih iż-żewġ naħat qablu dwar Qafas dwar Ftehim dwar Kummerċ Reċiproku, Ġust u Bilanċjat, l-Unjoni esprimiet l-intenzjoni li minnufih tieħu l-passi meħtieġa biex testendi d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Unjoni u tal-Istati Uniti tal-21 ta' Awwissu 2020 fir-rigward tal-awwista, flimkien ma' kamp ta' applikazzjoni estiż tal-prodott biex jinkludi l-awwista pproċessata (jiġifieri ppreparata).

Għalhekk, l-objettiv ta' din il-proposta huwa li tipprevedi n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-istess dazji doganali, b'mod simili għar-Regolament (UE) 2020/2131 sabiex jiġi żgurat in-nuqqas ta' applikazzjoni kontinwu tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' awwista kif ukoll biex barra minn hekk ma jiġux applikati dazji doganali fuq l-importazzjonijiet tal-awwista pproċessata (jiġifieri ppreparata).

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li jinżammu opportunitajiet addizzjonali għall-operaturi tal-Unjoni u tal-Istati Uniti, billi ma jiġux applikati tariffi jew jitnaqqsu. Jenħtieġ li jiġi evitat id-deterjorament tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-Istati Uniti. Dan hu kompletament konsistenti mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li fih hemm stipulat li jenħtieġ li l-Unjoni tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, inkluż permezz tal-abolizzjoni progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali[2].

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni.

---

1 ĠU L 430, 18.12.2020, p. 1–4.

2 L-Artikolu 21(2)(e) tat-TUE.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. L-unjoni doganali u l-politika kummerċjali komuni huma elenkati fost l-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni fl-Artikolu 3 tat-TFUE. Din il-politika tinkludi n-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali u l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali inkluż tnaqqis fit-tariffi skont, *inter alia*, l-Artikolu 207 TFUE.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tal-Kummissjoni hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, u meħtieġa fid-dawl tal-objettiv li jiġi evitat id-deterjorament tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-Istati Uniti.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fid-dawl tal-impenn politiku mill-President tal-Kummissjoni von der Leyen u fis-27 ta' Lulju biex minnufih jittieħdu l-passi meħtieġa biex tiġi estiża d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Unjoni u tal-Istati Uniti tal-21 ta' Awwissu 2020 fir-rigward tal-awwista, flimkien ma' kamp ta' applikazzjoni tal-prodott estiż biex jinkludi l-awwista pproċessata (jiġifieri ppreparata), u minħabba l-ħtieġa politika li nimxu 'l quddiem malajr sabiex jitnaqqsu t-tensjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, il-proċess formali ta' valutazzjoni tal-impatt ġie rrinunzjat. Għall-Unjoni, l-awwista, inkluża l-awwista pproċessata (jiġifieri ppreparata), mhijiex prodott sensittiv peress li l-Unjoni għadha importatur nett tal-prodotti koperti mir-Regolament propost. Fl-2024, l-Unjoni importat EUR 72 miljun minn dawn il-prodotti tal-awwista mill-Istati Uniti (22 % tal-importazzjonijiet globali barra mill-Unjoni), filwaqt li l-kummerċ totali kkonċernat kien ta' madwar EUR 342 miljun fl-2024 (madwar EUR 320 miljun f'importazzjonijiet fl-Unjoni u EUR 21 miljun f'esportazzjonijiet mill-Unjoni).

In-nuqqas kontinwu ta' applikazzjoni tad-dazji tal-importazzjoni u l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex jinkludi wkoll l-awwista pproċessata (jiġifieri ppreparata) se jkomplu jappoġġaw l-industrija tal-ipproċessar tal-ikel u s-settur tal-ospitalità.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-regolament propost huwa konsistenti mat-Trattati u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea minħabba li r-regolament propost ma jillimita l-eżerċizzju tal-ebda dritt fundamentali, bħal-libertà tax-xogħol professjonali, peress li d-dazji fuq l-importazzjoni jitnaqqsu biss, u mhux jiżdiedu. Fejn ir-regolament propost inaqqas id-dazji tal-importazzjoni fuq ċerti prodotti, iżda mhux fuq oħrajn, l-għażla ssir skont bażi legali xierqa. Fejn ir-regolament propost jagħti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tissospendi t-tnaqqis tad-dazji tal-importazzjoni, din is-sospensjoni terġa' ddaħħal is-sitwazzjoni legali eżistenti qabel l-adozzjoni tar-regolament propost.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-liberalizzazzjoni kontinwa tat-tariffi industrijali se jkollha impatt negattiv limitat fuq il-baġit tal-Unjoni fil-forma ta' dazji doganali mitlufa minħabba l-liberalizzazzjoni tat-tariffi għall-prodotti koperti mil-linji tariffarji fl-anness ta' dan ir-regolament propost. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2020/2131 sa Mejju 2025 (l-aktar data reċenti), id-dazji fuq l-importazzjoni mitlufa għall-prodotti tal-awwista taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/2131 ammontaw għal total ta' EUR 37,3 miljun, li minnhom l-importazzjonijiet tal-Istati Uniti rrappreżentaw EUR 26,5 miljun[3]. Abbażi tad-dazji li kienu jinġabru fin-nuqqas tar-Regolament (UE) 2020/2131 għall-perjodu bejn Awwissu 2020 u Mejju 2025 minn pajjiżi terzi li ma jibbenefikawx minn trattament mingħajr dazju skont il-ftehimiet kummerċjali preferenzjali eżistenti mal-Unjoni, l-impatt baġitarju annwali stmat jammonta għal madwar EUR 7,5 miljun[4]. Id-dazji mitlufa meta titqies l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-awwista ppreparata/ipproċessata, jekk applikati għall-istess perjodu ta' żmien (Awwisu 2020 sa Mejju 2025), kienu jammontaw għal EUR 242 elf[5] addizzjonali, kważi kollha ġejjin mill-importazzjonijiet tal-Istati Uniti. Fuq din il-bażi, l-impatt baġitarju annwali relatat man-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali għall-awwista ppreparata/ipproċessata huwa stmat li jammonta għal madwar EUR 48 elf u l-impatt baġitarju annwali relatat man-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali għall-merkanzija kollha fl-Anness tar-Regolament propost huwa stmat li jammonta għal madwar EUR 7,5 miljun[6].

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli

[3] Il-valur tad-dazji mitlufa ġie kkalkulat abbażi tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li ma jibbenefikawx minn trattament mingħajr dazju skont il-ftehimiet kummerċjali preferenzjali eżistenti mal-UE (il-kategoriji tal-Eurostat "Extra EU-27" u "Ftehimiet kummerċjali fis-seħħ - Kollha - Preferenzjali (76 pajjiż)").

[4] Sors: L-Eurostat.

[5] Il-valur tad-dazji mitlufa ġie kkalkulat abbażi tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li ma jibbenefikawx minn trattament mingħajr dazju skont il-ftehimiet kummerċjali preferenzjali eżistenti mal-UE (il-kategoriji tal-Eurostat "Extra EU-27" u "Ftehimiet kummerċjali fis-seħħ - Kollha - Preferenzjali (76 pajjiż)").

[6] Sors: L-Eurostat.

- **Dokumenti ta’ spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jipprevedi n-nuqqas ta’ applikazzjoni tad-dazji doganali fuq bażi *erga omnes* għal-linji tariffarji elenkati fl-Anness għar-Regolament propost.

L-Artikolu 2 jipprevedi ċ-ċirkostanzi li fihom il-Kummissjoni tista’ tissospendi, jew ma tissospendix, in-nuqqas ta’ applikazzjoni tad-dazji doganali għal din il-merkanzija.

L-Artikolu 3 jipprevedi l-proċedura tal-Kumitat li għandha tiġi segwita għal tali sospensjoni tan-nuqqas ta’ applikazzjoni tad-dazji doganali.

L-Artikolu 4 jipprevedi li d-dazji doganali mħallsa lil hinn minn dawk applikabbli f’konformità mar-Regolament propost għall-importazzjonijiet fl-Unjoni bejn l-1 ta’ Awwissu 2025 u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost, huma eliġibbli għal rimborż fuq talba.

L-Artikolu 5 jipprevedi dettalji dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tar-Regolament propost.

2025/0260 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka (l-"Istati Uniti") għandhom l-iktar relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bilaterali kbira u profonda fid-dinja u għandhom ekonomiji integrati ħafna. Il-kummerċ bidirezzjonali totali bejniethom kellu valur ta' aktar minn EUR 1,6 triljun fl-2024. Din is-sħubija profonda u komprensiva hija mirfuda minn investiment reċiproku sinifikanti b'investimenti reċiproċi fis-swieq ta' xulxin b'valur ta' madwar EUR 5,3 triljun.

(2) Sabiex jiġi evitat tfixkil u tkompli tittejjeb ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment mal-Istati Uniti, fis-16 ta' Diċembru 2020, l-Unjoni adottat ir-Regolament (UE) 2020/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija, b'mod partikolari ċerti tipi ta' awwista, applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2020. Dak ir-Regolament skada fil-31 ta' Lulju 2025.

(3) F'konformità mal-ftehim politiku bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tas-27 ta' Lulju 2025 u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-21 ta' Awwissu 2025 dwar Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar Ftehim dwar Kummerċ Reċiproku, Ġust u Bilanċjat[2] (id-"Dikjarazzjoni Konġunta") u biex jiġi żgurat aċċess kontinwu għall-prodotti tal-Unjoni fis-suq tal-Istati Uniti, jenħtieġ li l-Unjoni tipprevedi n-nuqqas ta' applikazzjoni, għal perjodu ulterjuri, tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni tat-tipi ta' awwista koperti mir-Regolament (UE) 2020/2131. F'konformità mal-ftehim politiku, in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali jenħtieġ li jinkludi wkoll l-importazzjonijiet tal-awwista pproċessata kklassifikata taħt il-kodiċi 1605 30 90 tan-Nomenklatura Magħquda (NM).

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2020/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija (ĠU L 430, 18.12.2020, 1–4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2131/oj).

[2] Dikjarazzjoni Konġunta dwar qafas bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea dwar ftehim dwar kummerċ reċiproku, ġust u bbilanċjat - Kummissjoni Ewropea, link: https://policy.trade.ec.europa.eu/news/joint-statement-united-states-european-union-framework-agreement-reciprocal-fair-and-balanced-trade-2025-08-21_en?prefLang=mt

(4) Għaldaqstant, id-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness jenħtieġ li japplikaw f'livell ta' 0 % sakemm l-Istati Uniti jkunu qed jimplimentaw b'mod effettiv id-Dikjarazzjoni Konġunta.

(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tissospendi n-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali f'ċirkostanzi speċifiċi. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mal-proċedura ta' eżami prevista fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

(6) Fid-dawl tal-imoprtanza li jiġi evitat tfixkil tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika b'effett retroattiv mill-1 ta' Awwissu 2025. Id-dazji doganali mħallsa lil hinn minn dawk applikabbli skont dan ir-Regolament fil-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2025 u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu rimborżati fuq talba,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali

Id-dazji doganali applikabbli tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) elenkati fl-Anness għandhom ikunu ta' 0 %.

Artikolu 2

Sospensjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

   (a) meta l-Istati Uniti jonqsu milli jimplimentaw id-Dikjarazzjoni Konġunta jew inkella jimminaw l-objettivi tat-titjib tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti u l-objettivi segwiti mid-Dikjarazzjoni Konġunta, jew jimminaw l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-suq tal-Istati Uniti, jew b'xi mod ieħor ifixklu r-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti;

   (b) fejn ikun hemm biżżejjed indikazzjonijiet li l-Istati Uniti se jaġixxu bil-mod imsemmi fil-punt (a) fil-futur;

   (c) meta tkun seħħet bidla fiċ-ċirkostanzi oġġettivi fir-rigward ta' dawk eżistenti fiż-żmien meta nħarġet id-Dikjarazzjoni Konġunta.

   Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 3(2).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

2. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ stabbilit permezz tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4].

2. Fil-każijiet fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 4

Rimborż tad-dazji doganali

Fuq talba tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, l-awtoritajiet doganali nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrimborżaw kwalunkwe dazju doganali mħallas aktar minn dak applikabbli skont dan ir-Regolament għall-importazzjonijiet fl-Unjoni bejn l-1 ta' Awwissu 2025 u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ta' oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[4] Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1, *ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1843/oj*).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3
1.3. Objettiv(i) 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 3
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 4
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 4
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 5
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 5
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 6
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 6
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 6
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 6
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 6
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 6
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 6
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 7
3.1. Isem il--proposta 7

3.2. Linji baġitarja 7
3.3. Impatt finanzjarju 7
4. RIMARKI OĦRA 8

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dazji doganali fuq ċerta merkanzija

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Kummerċ

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Jinżammu opportunitajiet addizzjonali għall-operaturi tal-Unjoni u tal-Istati Uniti u jiġi evitat id-deterjorament tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-Istati Uniti, billi ma jiġux applikati tariffi jew jitnaqqsu.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku Nru

Ma japplikawx dazji doganali fuq ċerti tipi ta' awwista, inkluż l-awwista ppreparata/ipproċessata, fuq bażi *erga omnes*. Dan huwa fid-dawl tal-iskadenza, fil-31 ta' Lulju 2025, tar-Regolament oriġinali li ma japplikax id-dazji doganali fuq ċerti tipi ta' awwista (ir-Regolament (UE) 2020/2131 tas-16 ta' Diċembru 2020) u l-impenn, bħala parti mill-ftehim politiku bejn il-President tal-Kummissjoni von der Leyen u l-President tal-Istati Uniti Trump fis-27 ta' Lulju 2025, li jiġi estiż immedjatament ir-Regolament dwar l-awwista u li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġi estiż għall-awwista pproċessata (jiġifieri ppreparata).

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Ir-riżultat mistenni huwa n-nuqqas kontinwu ta' applikazzjoni tat-tariffi (MFN, Most-Favoured-Nation) għal ċerti tipi ta' awwista taħt kundizzjonijiet simili għar-Regolament (UE) 2020/2131 u ż-żieda tal-awwista pproċessata mal-kamp ta' applikazzjoni tan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dawn it-tariffi. Dan bħala segwitu għall-ftehim politiku bejn il-President tal-Kummissjoni von der Leyen u l-President tal-Istati Uniti Trump fis-27 ta' Lulju 2025 u b'hekk jiġu limitati aktar tensjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti. In-nuqqas kontinwu ta' applikazzjoni tat-tariffi għall-prodotti kkonċernati huwa mistenni li jkollu impatt negattiv limitat fuq il-baġit tal-UE fil-forma ta' dazji doganali mitlufa. L-awwista mhijiex prodott sensittiv għall-Unjoni u l-estensjoni tan-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji tal-importazzjoni u l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex jinkludi l-awwista pproċessata (jiġifieri ppreparata) se jkomplu jappoġġaw l-industrija tal-ipproċessar tal-ikel u s-settur tal-ospitalità.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Mhux applikabbli peress li l-uniku objettiv tar-Regolament huwa li ma jiġux applikati dazji doganali fuq ċerti prodotti.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☑ **azzjoni ġdida**

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[11]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-adozzjoni tar-Regolament propost skont il-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarja u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost għandhom jiġu segwiti fl-iqsar żmien possibbli.

Ir-Regolament huwa maħsub biex japplika b'effett retroattiv mill-1 ta' Awwissu 2025 (id-data tal-iskadenza tar-Regolament oriġinali li diġà stipula n-nuqqas ta' applikazzjoni tat-tariffi għall-biċċa l-kbira tal-prodotti tal-awwista koperti minn dan ir-Regolament).

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. L-unjoni doganali u l-politika kummerċjali komuni huma elenkati fost l-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni fl-Artikolu 3 tat-TFUE. Din il-politika tinkludi n-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali u l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali inkluż tnaqqis fit-tariffi skont, *inter alia*, l-Artikolu 207 TFUE.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Ir-Regolament oriġinali (ir-Regolament (UE) 2020/2131 tas-16 ta' Diċembru 2020) irriżulta fin-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali għall-biċċa l-kbira tal-prodotti tal-awwista koperti minn dan ir-Regolament propost applikat għal 5 snin, mingħajr konsegwenzi negattivi sinifikanti għall-Unjoni. In-nuqqas ta' applikazzjoni mid-dazji għall-prodotti tal-awwista kkonċernati u l-espansjoni tiegħu għall-awwista pproċessata/ippreparata huma fatturi importanti biex jiġi evitat id-deterjorament tar-relazzjoni kummerċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti. Għalhekk huwa importanti li jitkompla n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' tali tariffi għall-prodotti kkonċernati, kif ukoll għall-awwista pproċessata/ippreparata, kif indikat fil-ftehim politiku tas-27 ta' Lulju 2025.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Mhux applikabbli

[11] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Mhux applikabbli

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☑ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija mill-2025 u SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum

mill-korpi kontrollanti jew b’garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

Mhux applikabbli

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Mhux applikabbli peress li dan huwa sempliċi nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali kollha *(erga omnes)* fuq ċertu numru ta' oġġetti.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Mhux applikabbli peress li dan huwa sempliċi nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali kollha *(erga omnes)* fuq ċertu numru ta' oġġetti.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Mhux applikabbli peress li dan huwa sempliċi nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali kollha *(erga omnes)* fuq ċertu numru ta' oġġetti.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

Mhux applikabbli peress li dan huwa sempliċi nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali kollha *(erga omnes)* fuq ċertu numru ta' oġġetti.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Mhux applikabbli peress li dan huwa sempliċi nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali kollha *(erga omnes)* fuq ċertu numru ta' oġġetti.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Isem il-proposta

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dazji doganali fuq ċerta merkanzija

3.2. Linji baġitarja

Linja tad-dħul: il-Kapitolu 1 2, l-Artikolu 1 2 0

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata: EUR 21 082 004 566

(fil-każ ta' dħul assenjat biss):

Id-dħul jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita): Mhux applikabbli

3.3. Impatt finanzjarju

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

☑ **Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul**

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR sa pożizzjoni deċimali waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul[12]	Perjodu ta' XX xhur li jibda minn jj/xx/ssss (jekk japplika)	Sena N
Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120–Dazji doganali u dazji oħra msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (a) tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom	-2,5	Perjodu ta' 5 xhur, li jibda mill-01/08/2025	2025

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tad-dħul	2026	2027	2028	2029	2030

[12] F'każ ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120	-7,5 miljuni EUR	-7,5 miljuni EUR	-7,5 miljuni EUR	-7,5 miljuni EUR	-5 miljuni EUR

(Fil-każ ta' dħul assenjat biss, bil-kundizzjoni li l-linja baġitarja tkun diġà magħrufa):

Linja tan-nefqa[13]	Sena N	Sena N+1
Kapitolu/Artikolu/Partita		
Kapitolu/Artikolu/Partita		

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tan-nefqa	[N+1]	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]
Kapitolu/Artikolu/Partita...					
Kapitolu/Artikolu/Partita...					

4. RIMARKI OĦRA

Il-kalkoli kienu bbażati fuq data statistika disponibbli, li tistma li d-dazji doganali mitlufa minħabba l-liberalizzazzjoni tat-tariffi għall-prodotti koperti mil-linji tariffarji fl-anness ta' dan ir-Regolament jirrappreżentaw madwar EUR 7,5 miljun fis-sena f'dazji miġbura minn pajjiżi terzi li ma jibbenefikawx minn trattament mingħajr dazju skont il-ftehimiet kummerċjali preferenzjali eżistenti mal-UE (medja bejn Awwissu 2020 u Mejju 2025).

[13] Tintuża biss jekk ikun hemm bżonn.